# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# Decizjoni Nru. 2235

**Kaz Nru 2832/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**David Farrugia u**

**Brincat Bros. Limited u b'digriet tal-25 ta' Novembru, 2010, gie sostitwiet bhala Brincat Brothers fil-kapacita' taghhom bhala Partners kummercjali.**
**(dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti David Farrugia, li gie prezentat fir-Registru tal-Qorti fil-15 ta' Settembru, 2010. Matul il-Kaz inkwestjoni quddiem it-Tribunal Industrijali, ir-rikorrenti kien assistit mill-Avukat Robert Abela u ghan-naha ta' min ihaddem deheru l-ahwa Austin u Philip Brincat li kienu assistiti mill-Avukat Johann Debono.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti jghid, li kien impjegat mas-sidien Austin u Philip Brincat li jiffurmaw partners kummercjali, u kien impjegat maghhom fuq bazi full-time. Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid li l-impieg tieghu gie tterminat b'modd abbuziv u minghajr ebda raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.**

**Ir-rikorrent jghid ukoll, li lanqas gie mhallas l-ahhar perjodu tal-paga tieghu, kif ukoll lanqas gie mhallas in-notice money tat-terminazzjoni ta' l-impieg. Huwa jghalaq l-istqarrija tal-Kaz tieghu fejn jitlob lit-Tribunal Industrijali jiddikjara, li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet wahda ngusta u jitlob li jithallas l-ammont ta' flus li kien dovut lilhu, kif ukoll li jigi moghti kumpenss xieraq peress li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu saret b'modd ingust u bi ksur tal-ligi.**

**Ghal-min ihaddem, fl'istqarrija tal-Kaz li pprezentaw lit-Tribunal Industrijali qalu, illi fil-mertu tal-allegata tkeccija ngusta, l-esponenti jirrespingu l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti David Farrugia bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jigi ppruvat gustament f'dawn il-proceduri. Huma jghidu wkoll, illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jispjegaw illi din it-tkeccija kienet wahda purament korrettiva u salvagwardanti l-interessi finanzjarji taghhom illi kienu jiggestixxu, stante li r-rikorrenti abbuza mill-pozizzjoni tieghu bhala mpjegat billi beda jgib xorb personalment u klandestinament u jbieghu lill-klijenti taghhom, u dan minghajr il-konsapevolezza u l-kunsens tal-imghallmin infushom. Ghaldaqstant, huma jghidu li kemm in-notice money, kif ukoll kwalunkwe kumpens li qed jintalab ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt.**

**Fl'istqarrija taghhom huma jghidu wkoll, illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u nkwantu ghal hlasijiet li allegatament ir-rikorenti qed jikkontendi li huma dovuti lilhu bhala salarju, l-esponenti jiccaraw illi mis-salarju rimanenti u dovut lir-rikorrenti skond il-Ligi u dan sal-mument li gie mkecci, huma jiccaraw illi ghandhom jircievu minghand David Farrugia il-bilanc ta' €198.81 u dan kollu stante li r-rikorrenti ghad ghandu flus f'idejh illi huma naxxenti minn bejgh ta' xorb f'isem l-imghallmin tieghu u li ghadu sa llum ma giex rifuz lilhom.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrenti kien gie mpjegat fil-21 ta' Frar 2000 u l-impieg tieghu kien ta' sewwieq fejn kien jbieh prodotti ta' xorb u oggetti ohra ta' l-imghallmin tieghu.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali deheru diversi xhieda, fejn gie allegat li ir-rikorrenti matul il-hajja ta' l-impieg tieghu, kien abbuza permezz li kien arroganti mas-sidien tieghu, kif ukoll li kien abbuza mix-xoghol tieghu permezz li barra li kien ibiegh prodotti tas-sidien, kien ukoll ibiegh prodotti ohra li kien igieb hu u dan kien jghamlu ghall-vantagg tieghu. Dawn l-allegazzjonijiet gew michuda mir-rikorrenti, b'modd partikulari l-abbuz li kien qed jigi allegat, li kien qed ibiegh**

**prodotti ohra barra dawk ta' l-imghallmin tieghu. Meta t-Tribunal Industrijali dahal fid-dettal dwar din il-Kwistjoni tax-xoghol jirrizulta, li l-imghallmin kienu kkonkludew li r-rikorrenti kien qed ibiegh xi prodotti li ma kienux taghhom, ghax qalu li kienu jircievu xi telefonati minghand xi nies, li kienu jistaqsuhom ghall-prodotti ta' minghajr tikketta u ghalhekk kienu kkonkludew, li la darba huma ma kellhomx prodotti minghajr tikketta, dawn kienu xi prodotti li kien qed ibiegh ir-rikorrenti minn wara dahrom.**

**Matul is-smigh tal-kaz, it-Tribunal Industrijali ndaga dwar l-imgieba u l-kondotta tar-rikorrenti fuq il-post tax-xoghol, u ghalkemm gie allegat li l-imgieba tieghu ma kienitx wahda korretta liema allegazzjoni giet michuda mir-rikorrenti, it-Tribunal Industrijali jirrizultalu, li hu qatt ma gie mwissi la bil-fomm u lanqas bil-miktub. Invista ta' dan, ghalkemm gew imsemmija xi okkazzjonijiet ta' konflitt pero ma tressqet l-ebda dokumentazzjoni li jistabillixxu dati u atti ta' akkuza fil-konfront tar-rikorrenti.**

**It-Tribunal Industrijali semgha provi ohra fejn jghidu, li meta sehhet it-terminazzjoni ta' l-impieg, ir-raguni li giet moghtija lir-rikorrenti kient dik ta' sensja u dan ghar-raguni li s-sidien ma kienux se jkomplu joperaw in-negozju u liema negozju kien se jinbieh lill-haddiehor. Izda, meta t-Tribunal Industrijali dahal aktar fid-dettal ta' din il-Kwistjoni tax-Xoghol jirrizulta, li skond id-dokumentazzjoni tal-formola tat-terminazzjoni ta' l-impieg li giet ikkonsenjata lill Employment and Training Corporation, ir-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg li giet moghtija mis-sidien kienet dik ta' dixxiplina u liema terminazzjoni saret b'sehh mill-21 ta' Mejju, 2010.**

**Matul is-smigh tal-provi is-sidien ikkonfermaw, li ghalkemm huma kienu naqsu mill-attivita tan-negozju taghhom, u li kienu ttrasferew parti minn negozju taghhom lill-sidien ohra, pero huma xorta kienu ghandhom fin-negozju. Is-sidien kkonfermew ukoll, li r-ragunijiet tat-tkeccija kienu kemm ghax-naqsu l-attivita tan-negozju taghhom, kif ukoll kienu hadu d-decizjoni li jitterminaw l-impieg tar-**

**rikorrenti ghal ragunijiet ta' dixxiplina. Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li r-rikorrenti qatt ma kien jaf li r-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet ghall-ragunijiet dixxiplinarji u dan sar jaf bih wara li l-impieg tieghu gie tterminat u kien hemm korrispondenza mill-Employment and Training Corporation, ghaliex qabel kien bl'impressjoni li r-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg kienet dik ta' sensja.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-Kaz u l-ewwel kunsiderazzjonijiet li jikkunsidra huma r-ragunijiet tat-terminazzjoni ta' l-impieg. Johrog car matul is-smigh tal-kaz, li r-raguni ta' tkeccija kienet ta' dik dixxiplina. Din il-prova giet ikkonfermata mill-istess sidien u dan permezz ta' xhieda quddiem it-Tribunal Industrijali, kif ukoll permezz ta' dokumentazzjoni tat-terminazzjoni ta' l'impieg li giet mibghuta lill Employment and Training Corporation, fejn hemm indikat b'modd car li kienet tkeccija fuq ragunijiet dixxiplinarji.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll f'dawn il-kunsiderazzjonijiet, li kif gie stabilit mill-provi li tressqu quddiem l-istess Tribunal Industrijali, li r-rikorrenti qatt ma gie mgharraf li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet qed issir ghal ragunijiet ta' dixxiplina, anzi huwa kien bl'impressjoni li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ghall-ragunijiet ta' sensja. Invista ta' dan, huwa qatt ma kien f'qaghda li jista jiddefendi ruhu b'modd xieraq l-allegazzjonijiet li kienu qed jghamlu is-sidien fil-konfront tieghu.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzzjoni li kif gie vverifikat mid-dokumentazzjoni tat-terminazzjoni ta' l-impieg li gie mibghut lill Employment and Training Corporation, ir-ragunijiet tat-terminazzjoni tar-rikorrenti kienet dik ta' dixxiplina. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li peress li r-rikorrenti ma giex infurmat**

**qabel ma saret it-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu, li l-impieg tieghu kien qed jigi tterminat ghal ragunijiet ta' dixxiplina u ghalhekk ma kienx f'qaghda li jiddefendi l-alleggazzjonijiet fil-konfront tieghu u b'konsegwenza li gie miksur id-dritt fundamentali tal-gustizzja naturali li jiddefendi il-kaz tieghu b'modd xieraq, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ingusta u bi ksur tal-ligi. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni, is-Sur Austin Brincat u is-Sur Philip Brincat li jiffurmaw Brincat Brothers, fil-kapacita taghhom bhala partners kummercjali kif indikat fl'Occhio ta' dan il-Kaz, ghandhom ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' €5,000 (hames t'elef ewro). Dan il-Kumpenss ma jinkludix il-paga u beneficcji ohra li huma dovuti lir-rikorrenti skond il-ligi u li dawn ghandhom jigu mhallsa ukoll lir-rikorrenti fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet, ma kienx possibbli li dan il-Kaz jigi deciz fiz-zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabillixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94(erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**Ghas-Segretarju**

**Data : 25 ta' Gunju, 2013**